# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 46/2022**

Data: L-Erbgħa 16 ta' Frar, 2022

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli – Sindku<br>Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sur Ray Deguara – Kunsillier<br>Dr Ryan Ellul – Kunsillier - 18:22<br>Sur Mario Fava – Kunsillier<br>Sur Mark Lombardo – Kunsillier - 19:30 |
| Skużati: | Sur Adrian Tanti - Kunsillier<br>Sna Toshera Schembri - Kunsilliera |
| | Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv |

### AĠENDA

**46.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**46.2 MINUTI**

**46.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**46.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**46.5 ĦLASIJIET**

**46.6 FINANZI**

**46.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

**46.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI**

**46.9 KORRISPONDENZA**

**46.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**46.11 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**46.12 TRAFFIC MANAGEMENT**

**46.13 STAFF**

**46.14 MOZZJONIJIET**

**46.15 PLANNING AUTHORITY**

**46.16 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**46.17 MISTOQSIJIET**

**41.18 AĠĠORNAMENT**

---

Il-Kuns. C. Bonello saqsa lis-Sindku għalfejn il-laqgħa kienet qed tattendi d-Deputat Segretarju Eżekuttiv u mhux mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku spjega li s-Segretarju Eżekuttiv ħarġet bil-*leave* u għaldaqstant id-Deputat għandu s-seta' u l-poter li jmexxi l-laqgħa fin-nuqqas tagħha. Il-Kuns C. Bonello staqsa jekk is-Segretarju Eżekuttiv ġiex itterminat l-impjieg tagħha mal-Kunsill Lokali tal-Fgura u għal dan is-Sindku fiehem lill-membri tal-kamra li t-tmiem tal-impieg tas-Segretarju Eżekuttiv huwa t-2 ta' Marzu 2022 iżda mis-16 ta' Frar, is-Segretarju Eżekuttiv għamel użu mill-leave li kien għad fadallu mis-sena preċidenti kif ukoll il-pro rata ta' din is-sena. Spjega wkoll li b'effett mil-lum kull korrispondenza jew materja oħra relatata mal-Kunsill għandha tiġi riferuta lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 46.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**46.1.1** Kien hemm tliet talbiet ta' apoloġija.

Il-Kuns A Tanti talab li jiġi skużat minħabba li ma kienx se jilħaq jattendi, Il-Kuns. T Schembri talbet li tkun skużata minħabba raġunijiet ta' saħħa filwaqt li Kuns M Lombardo talab li jiġi skużat jekk ma jasalx sa tmiem il-laqgħa minħabba li kellu laqgħa oħra fl-istess ħin.

Il-membri tal-kamra approvaw it-talbiet ta' apoloġija ta' dawn it-tliet membri

## 46.2 MINUTI

Kuns. C Bonello talab li jsiru żewġ emendi hekk kif ġej:
**Punt 44.10.5 tal-laqgħa 44/2022:** Titneħħa l-aħħar sentenza u jitniżżel dan li ġej: 'Kien hemm qbil li f'dan il-lokal m'hawnx spazji biżżejjed fejn isiru dawn il-bring in sites u l-Kunsill żamm mal-pożizzjoni li jitlob lill-Awtorita' kkonċernata sabiex tindika hi s-sit idejali għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali'

**Punt 44.11.4 tal-laqgħa 44/2022:** Jitneħħa l-kliem 'Minn Transport Malta sal-aħħar tal-paragrafu' u jitniżżel dan li ġej: 'u staqsa jekk dan kienx ħareġ min-naħa tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv. Kuns C Bonella sostna li mhux ġust speċjalment mal-komunita' kummerċjali li lejliet il-Milied tingħalaq it-triq prinċipali sabiex isiru xi xogħolijiet. Lejliet il-Milied hija ġurnata b'attivita' għan-negozju u għandna nirrispettaw il-komunita' kummerċjali tagħna'

Għal dawn iż-żewġ emendi kien hemm qbil unanimu

**46.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6051/22/8** "Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa 44/2022 bid-data tat-12 ta' Jannar, 2022 skont kif emendat.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns. C Bonello ġibed l-attenzjoni li **punt 45.1.1 tal-laqgħa 45/2022** minflok 'Is-Sindku ra u approva' għandha taqra 'Il-Kunsill ra u approva'

Għal din l-emenda kien hemm qbil unanimu

**46.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6052/22/8** "Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa 45/2022 bid-data ta' 3 ta' Frar, 2022"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

### 46.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**46.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

### 46.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**46.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6053/22/8** "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM February 2022 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

### 46.5 ĦLASIJIET

**46.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6054/22/8** "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet mis-07/1/2022 sad-9/02/2022". (Ara DOK 'B' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

### 46.6 FINANZI

**46.6.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6055/22/8** "B'referenza għal mozzjoni: 6009/21/8 "Dan il-kunsill għandu japprova Estimi Finanzjarji għas-sena 2021-2022 skont kif hu anness" din għandha taqra "Dan il-Kunsill għandu japprova l-Budget għas-sena 2022 skont kif hu anness"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**46.6.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6056/22/8** "Sabiex jiġi approvat il-budget għas-sena 2022 wara tibdiliet li saru fuq l-allokazzjoni kif ukoll fuq Proġetti Kapitali skont kif inhu anness"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**46.6.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6057/22/8** "Sabiex jiġi approvat il-Pjan ta' ħidma għall-ħames snin li ġejjin 2022 – 2026 skont kif inhu anness"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 46.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**46.7.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva Skema rigward il-playing field u ssuġġerixxa li ġaladarba l-Kunsill is-sena l-oħra kien applika iżda l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa, għandhom jerġgħu japplikaw għal gazebo u għaldaqstant ressaq mozzjoni dwarha. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref : **6058/22/8** "Sabiex dan il-Kunsill japplika għal skema SPI.2022 kundizzjonijiet tal-playing fields għall-użu ta' Gazebo f'parti fl-istess playing field tal-Fgura"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**46.7.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva Ċirkulari mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-*Earth Hour* li se ssir nhar is-Sibt 26 ta' Marzu 2022 fejn is-Sindku qed jissuġġerixxi li dan il-Kunsill għandu jipparteċipa. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6059/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jipparteċipa fl-okkażjoni ta' *Earth Hour* 2022 billi tintefa' l-faċċata tal-Kunsill"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 46.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**46.8.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li t-tender tal-knisja wasal biex tinħareġ.

**46.8.2** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lil Kuns. R Ellul li għad fadal xi pendenzi fi-rigward tal-bye-law fir-rigward ta spazji miftuha, fejn Kuns R. Ellul informa lill-membri tal-kamra li għad jonqsu jiġbor żewġ kwotazzjonijiet biex ikun jista jibda.

## 46.9 KORRISPONDENZA

**46.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 46.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**46.10.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li għandu jinħareġ il-*magazine* 'Mill-Kunsill' sabiex il-Kunsill jagħti rendikont lir-residenti bil-ħidma li l-istess Kunsill wettaq kif ukoll bil-ħidma li qed issir preżentament.

**46.10.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li fil-jiem li għaddew sar ir-*Risk Assessment* tal-*Playingfield*, fejn il-Kunsill għandu jara li jitranġaw fejn inġibditlu l-attenzjoni fuqhom iżda finalment ir-rapport kien wieħed pożittiv u ma hemmx periklu.

**46.10.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6060/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jixtri Palm Reader biex jiġi nstallat fil-Kunsill għal spiża ta' mhux iktar minn €1,000. Kwotazzjonijiet annessi mal-mozzjoni".

Dwar dan Kuns M. Fava ssuġġerixxa li jekk possibbli jinxtara wieħed li jaħdem il-pagi awtomatikament.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**46.10.4** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-permessi tal-iskip li jinħarġu mill-Kunsill biex jibda' jitniżżel il-qies tal-iskip. Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni li madwar sentejn ilu l-istess membri tal-kamra għaddew mozzjoni li f'tali mozzjoni kien hemm massimu ta' ġranet li skip għandha tibqa' talloka spazju u kien hemm ukoll numru ta' kundizzjonijiet iżda dan mhux qed jiġi osservat. Il-Kuns C Bonello insista li tali mozzjoni għandha tiġi kkomunikata mal-ħaddiema klerikali biex jimxu magħha.

Il-Kuns C Bonello spjega d-differenza bejn l-iskip u *hook loader* u qal li jekk persuna tapplika għal skip għandu jkollha tabella waħda biex jiġi rriservat il-parkeġġ għall-makkinarju. Spjega li l-iżball li qed isir li flok tabella waħda qed jingħataw iżjed inkella min qed japplika għall-permess qed jagħmel iktar kopji tal-parkeġġ riservat biex flok parkeġġ wieħed ikollu iżjed. Kompla billi qal li x'imkien matul il-proċess ta' minn min ħareġ il-permess jew min applika għall-permess żbalja.

Il-Kuns R Ellul issuġġerixxa li apparti l-*policy* tal-permessi l-aħjar li tingħata attenzjoni lill-liġi wkoll.

Il-Kuns M Fava ssuġġerixxa li l-applikant, għandu juri ritratt tal-makkinarju li jkun qed japplika għalih sabiex jiġi deċiż x'tip ta' permess għandu jinħareġ. Spjega wkoll li fuq il-permess il-ġdid irid jitniżżel speċifikament kemm il-*parking bay* se jkun qed jokkupa.

Il-Kuns C Bonello spjega li fil-memo hemm indikat ukoll li tingħata karta tal-parkeġġ riservat għal kull kaxxa.

Is-Sindku qal li f'każ partikolari ġara li l-iskip ħarġet barra mill-kaxxa iktar milli suppost bil-konsegwenza li kien hemm il-vetturi pparkjati faċċata tal-iskip u kawża t'hekk il-vetturi ma setgħux jiproċedu.

Il-Kuns C Bonello spjega li għal każ bħal dan li semma s-Sindku hemm avviż legali u għaldaqstant il-pulizija setgħet xorta waħda tieħu azzjoni.

Il-Kuns C Bonello sostna li għandha tiġi segwita l-*policy* dwar il-permessi, għandha tinqara fid-dettal il-memo li ntbgħatet riċentament dwar it-tabelli tal-parkeġġ riservat għall-makkinarji, jiġu amalgamati u jinħoloq *template* tal-permess. Ġibed l-attenzjoni wkoll fuq il-ħin li jinħareġ permess, fejn min jgħamel il-permess għandu jistaqsi lill-applikant għall-ħinijiet li se jkun qed jagħmel użu mill-makkinarju u fuq il-permess jinkiteb il-ħin mitlub u mhux jitniżżel il-ħin ta' ġurnata sħiħa. Il-Kuns C Bonello ssuġġerixxa li jiltaqgħu 3 membri sabiex il-permess jiġi rivedut u finalment il-*policy* tiġi mplimentata.

**46.10.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6061/22/8** "Dan il-Kunsill wassal messaġġ kif ukoll stampa ta' l-iskeda għall-ġbir ta' skart għal din is-sena 2022 fuq il-ktieb ta' l-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa maħruġ mill-Kummissjoni Festa Esterna. Dan għal spiża ta' mhux iktar minn €150"

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-boroż fejn se jkunu qed jinbidlu l-kulur tagħhom kif imħabbar mill-Ministru Farruġia. Iżda kien hemm qbil li l-iskeda għandha toħroġ kif inhi fis-seħħ bħalissa.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**46.10.6** Is-Sindku nforma li l-impjegati qed jesperjenzaw problemi fejn tidħol it-teknoloġija minn mindu l-Kunsill dawwar is-sistemi mal-MITA u għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6062/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jerġgħa jibda' jaħdem ma' PC Generation wara li l-MITA qed insibu ħafna problemi kif ukoll dewmien mis-servizzi fosthom il-WIFI"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**46.10.7** ls-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva diversi talbiet mingħand studenti li jattendu l-MCAST peress li parti mill-istudju tagħhom huwa li jagħmlu 20 siegħa volontarjat. Wara li s-Sindku ddiskuta mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv biex jivverifika jekk kienx hemm il-ħtieġa li l-Kunsill jaccetta t-talbiet kollha, d-Deputat Segretarju Eżekuttiva wieġeb fl-affermattiv. Għaldaqstant is-Sindku qara l-ismijiet tal-istudenti u ressaq mozzjoni ref: **6063/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jilqa' lil dawn l-istudenti biex jagħmlu 20 siegħa xogħol volontarjat fejn għandhom jiġu assistiti minn l-Ass. Seg. L-ismijiet tal-istudenti qegħdin annessi ma' din l-email"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**46.10.8** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6064/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jaċċetta l-istedina biex is-Sur Keziah Ellul jarma set vari tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Foyer tal-Kunsill skond id-dati ndikati"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 46.11 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

46.11.1 Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li x-xogħol tal-kumpanija Water Service mis-sezzjoni tad-drenaġġ għadu għaddej iżda daqt jaslu fi tmiem u din il-ġimgħa għandu jingħata t-tarmak. Kien hemm kwistjoni ma' resident rigward katusa li saret fil-passat, fejn il-Perit spjegalu s-sitwazzjoni iżda r-resident ma setgħax jifhem. Kif jispiċċaw se jkunu qed jibdew Triq il-Kitba.

**46.11.2** Is-Sindku ppreżenta pjanta ta' tisbiħ ta' Wesgħa Reggie Miller fejn sostna li din il-wesgħa għandha ssir ġnien. Spjega li l-ġnien jiġi maqgħud kollu minn tarf sa tarf. Preżentament għaddejjin il-kuntatti mal-Perit ta' *Infrastructure* Malta kif ukoll mas-Sur Steve Compagno fejn dan tal-aħħar ħareġ b'din l-ideja. Is-Sindku kompla billi qal li talab lis-Sur Compagno biex dan il-proġett għalissa ma joħroġx fil-beraħ qabel ma jiġi ppreżentat lill-membri tal-kamra biex ikunu nfurmata b'dan il-ħsieb. Bħala Kunsill għandu żewġ għażliet li jew japplika għall-iskema *Urban Green* li l-finanzjament tagħha huwa ta' €300,000 jew inkella jinħarġu mill-allokazzjoni tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku saħaq li għalkemm id-disinn ġie milqugħ mill-membri tal-kamra, jista' jkun hemm xi tibdiliet u l-Kunsill ma għandux ikun marbut ma' dan id-disinn fl-assolut.

Il-Kuns C Bonello għadda l-kummenti tiegħu ta' kif jista' jiġi emendat id-disinn, fejn lejn wara tal-ġnien, il-parti li tmiss ma' Triq il-Karmelitani jkun hemm pjan biex iż-żona tkun tista' tintuża wkoll għall-attivitajiet.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6065/22/8** "Dan il-Kunsill għandu japprova d-disinn ġdid fi Pjazza Reggie Miller. B'hekk għandu jibda il-proċess biex isir ġnien kif ukoll żona ta' mistrieħ għar-residenti tal-Fgura"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.11.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6066/22/8** "Dan il-Kunsill għandu japplika għal Skema Ambjent Malta *Urban Greening Scheme 2022* skond id-dokumenti meħtieġa"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.11.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6067/22/8** "Wara laqgħa li kelli mal-Perit tal-Gvern kif ukoll mas-Sur Steve Compagno dan il-Kunsill għandu jkompli għaddej bil-proċess biex isir xogħol ġdid ta' manutenzjoni fi Pjazza Reggie Miller"

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 46.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**46.12.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-*Community Police* qed jitolbu biex fi Triq is-Sur fejn l-Iskola jsiru żewġ parkeġġi riservati għall-inżul u tgħabbija tat-tfal li jattendu l-iskola tal-Fgura. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6068/22/8** "Sabiex issir Alighting / Boarding sign fi Triq is-Sur ħdejn l-Iskola"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.12.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6069/22/8** "Sabiex issir tabella indikattiva bil-ġranet u l-ħinijet li tiftaħ il-Berġa tas-Saħħa tal-Fgura li tinsab fi Triq Anġlu u Marianna Camilleri"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.12.3** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li rċivejna rikjesta mingħand sid ir-razzett l-antik fejn talab li quddiem ix-xatba li tinsab fi Triq Nazzareno Farrugia ssir kaxxa safra. Wara diskussjoni bejn il-membri tal-kamra ġie deċiż li peress li hi sit ta' kostruzzjoni din it-talba ma għandix tintlaqa'. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6070/22/8** "Dan il-Kunsill ma jilqax il-permess biex issir kaxxa safra quddiem ix-xatba fi triq Nazzareno Farrugia. Sakemm ikun għaddej ix-xogħol għandu japplika għal permessi meħtieġa mill-Kunsill"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.12.4** Is-Sindku nforma li l-Kunsill irċieva rapport li saret ħsara fuq *tyre* ta' vettura fi Vjal Kottoner. Il-Kuns R Ellul ġibed l-attenzjoni li kienet diġa tressqet mozzjoni dwar il-*policy* tal-ħsarat fil-vetturi u għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6071/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jimxi mal-mozzjoni kkonċernata konnessjoni ma' *multipolicy*"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.12.5** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva talba mingħand l-Iskola 'St Albert the Great College' li tinsab fi Triq San Ġwann sabiex issir un/loading bay, keep clear, u-bar u tabella li tindika li fil-viċinanzi hemm skola. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6072/22/8** "Sabiex issir un/loading bay, keep clear u U-bar quddiem l-Iskola 'St. Albert the Great College Kindergarten' fi Triq San Ġwann hekk kif rikjest. It-Tabella li tindika li fil-viċinanzi hemm skola għandha ssir mill-istess Skola"

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.12.6** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **6073/22/8** "Sabiex issir *sleeping police* tal-lakstu fi Triq San Xmun skond kif indikat u anness"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.12.7** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6074/22/8** " Biex dan il-Kunsill jagħmel żewġ tabelli li ma jistgħux jidħlu trukkijiet u vetturi kbar fi Triq San Franġisk. Dawn għandhom jitwaħħlu fi Triq Hompesch direzzjoni int u tielgħa għal Triq San Franġisk. *No access for heavy vehicles*"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.12.8** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6075/22/8** "Biex dan il-Kunsill jibdel id-direzzjoni ta' Triq il-Ward tax-Xemx u tiġi dħul minn Kampanella. Din għandha tiġi bi prova għal sitt xhur"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 46.13 STAFF

**46.13.1** Is-Sindku nforma li wara li fil-laqgħa 44 li saret l-Erbgħa 12 ta' Jannar 2022 is-Segretarju Eżekuttiv bi qbil unanimu ngħata *performance bonus* ta' 7%, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li l-persentaġġ mgħoti għandu jkun dak ta' 5% jew 10%.

Is-Sindku talab sabiex il-laqgħa tiġi sospiża fis-19:13hrs

Il-Kuns M Lombardo daħal fil-kamra - 19:30

Il-laqgħa tkompliet fis-19:36hrs.

Wara li l-membri tal-kamra ddiskuttew il-materja tal-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv ġie deċiż li jżommu mal-pożizzjoni li ħadu f'laqgħa 44 u għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6076/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jżomm il-pożizzjoni tiegħu dik ta' 7% *performance bonus* u dan id-dipartiment għandu jiġi nfurmat rigward *performance bonus* tas-Segretarja"

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello

Il-mozzjoni għaddiet nem con

46.13.2 Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva l-lista mingħand il-JobsPlus ta' min jista' japplika għall-vakanza ta' skrivan/a fi skala 15 u l-Kunsill beda jirċievi l-applikazzjonijiet.

Il-Kuns M Fava wera l-ħsieb tiegħu li dan il-Kunsill għandu bżonn jagħmel strateġija ċara ta' sistema ta' *Human Resources*. Kompla billi qal li qabel ma jiġu ntervistati l-applikanti l-Kunsill għandu jara verament xi skala għandu bżonn, issir il-*job description* biex b'hekk kull impjegat ikun jaf x'inhu xogħolu. Kompla billi qal li anke waqt l-intervista għandu jkun hemm spjega ta' x'inhu mistenni mill-applikant speċjalment waqt l-intervisti tas-Segretarju Eżekuttiv. Saħaq li jekk il-Kunsill mhux se jkollu dawn il-*policies* se jkun diffiċli biex wieħed ikejjel jekk impjegat hux qed jagħmel xogħolu tajjeb jew le jew jekk il-Kunsill jistax jieħu passi kontra l-impjegat. Apparti minn hekk għandu jkun hemm *channels* ċari ta' komunikazzjoni, fejn Kunsillier jitkellem biss mas-Segretarju Eżekuttiv u jkun is-Segretarju stess li jara taħt liema impjegat taqa' kull materja u mbagħad ikun is-Segretarju li jagħti *feedback* lill-kunsilliera.

Dawn il-punti huma kruċjali biex il-Kunsill ma jerġgħax jgħaddi minnu.

Is-Sindku rrepeta dak li kien qal fil-bidu tal-laqgħa li b'effett mil-lum 16 ta' Frar, kull Kunsillier għandu jagħmel kuntatt biss mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u ma l-ebda impjegat ieħor. Is-Sindku qal li se jkun qed iressaq mozzjoni biex jinħoloq Sotto Kumitat fejn darba fix-xahar is-Segretarju jagħti *feedback* lil dan is-Sotto Kumitat dwar l-impjegati u n-nuqqasijiet li jkun hemm.

Dwar dan il-Kuns M Fava ma qabilx iżda sostna li kull kwart tas-sena jinħoloq rapport fuq l-imjegati. Is-Segretarju għandu jkollu laqgħat mal-impjegati kull ġimgħa imma l-ħidma ta' kull jum huwa responsabbilta' tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkollu laqgħat mal-impjegati flimkien mas-Sindku kull kwart tas-sena u jagħtu rendikont lil xulxin dwar ix-xogħol.

Il-Kuns M Lombardo qabel mal-Kuns M Fava pero' saħaq li l-impjegati tal-Kunsill dejjem kienet responsabbilta' assoluta tas-Segretarju Eżekuttiv. Din id-darba kienet eċċezzjoni.

Il-Kuns C Bonello qabel f'bosta mill-affarijiet li qal il-Kuns M Fava u biex ikun ċar fi kliemu huwa saħaq li fl-ewwel ġimgħa minn meta ġie magħżul is-Segretarju Eżekuttiv, għadda dawn l-istess suġġerimenti lis-Segretarju Eżekuttiv. Ikkonferma li huwa jkellem lill-impjegati għax ħafna drabi ma kienx jasal mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kuns C Bonello qal li l-Kunsill għandu bżonn jagħmel moniteraġġ fuq l-andament tal-Kunsill sakemm l-affarijiet jerġgħu jiġu f'posthom. Il-Kuns C Bonello għamel referenza għall-imejl li kien bagħat il-Kuns M Fava fejn fiha kien ta raġun lil wieħed mill-impjegati li jista' jgħolli l-mejda. Wara, il-Kuns C Bonello semma' każ fejn impjegat offenda lill-Viċi Sindku.

Il-Viċi Sindku qabel mal-Kuns M Fava iżda sostna li meta kien kellem lis-Segretarju Eżekuttiv li kien qed jibgħat l-imejls fuq l-imejl li ġiet provduta lilha mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dak l-imejl huwa tiegħu personali u għaldaqstant kienet għaddietlu struzzjoni biex l-imejls jibgħathom fuq l-imejl ġeneriku. Il-Viċi Sindku saħaq li wieġeb li kellu żball jaħseb dan u li hu ma kellux x'jaqsam mal-impjegati iżda mas-Segretarju Eżekuttiv biss. Is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinjora dawn l-imejls kontinwament u għalhekk il-Viċi Sindku ma kellu l-ebda għażla oħra ħlief li jdur fuq l-impjegati.

Dwar din il-materja ntlaħaq ftehim li l-Kuns M Fava sal-aħħar ta' tmiem din il-ġimgħa se jkun qed jiprepara *draft* ta' x'għandu jsir u jiċċirkolah lill-membri tal-kamra. Dan id-*draft* għandu jiġi diskuss nhar it-Tlieta 23 ta' Frar 2022 fil-5pm fejn il-membri se jiltaqgħu dwaru.

## 46.14 MOZZJONIJIET

**46.14.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 46.15 PLANNING AUTHORITY

**46.15** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 46.16 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**46.16.1** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: " Sabiex issir ħarġa ta' ġurnata għal Għawdex nhar l-10 ta' April 2022"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.16.2** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li rigward il-*Way Marker*, jidher li t-talba tal-Kunsill Lokali ġiet diskussa internament iżda s'issa jidher li għad m'għandniex aħbarijiet uffiċċjali. Sadanitant, irċivejna mingħand ir-restawratur fejn staqsa kif bqajna sabiex dan il-*waymarker* jitwaħħal f'postu u ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li l-proċess ikompli sabiex din il-ġebla ma jkompliex jiġrilha ħsara.

**46.16.3** Il-Kuns C Bonello nforma wkoll li fir-rigward tan-niċċa tal-Madonna tal-Grazzja, dalwaqt ser jibda r-restawr fuq l-istatwa u n-niċċa tal-ġebel.

**46.16.4** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li l-bażi tal-arblu li jinsab fi Triq il-Karmnu tlesta u tpoġġa f'postu mill-ħaddiema tad-dipartiment tar-restawr. Il-bażi kulma għad jonqsu huwa li jiġi ordnat l-irħam. Għaldaqstant il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6078/22/8** "Mozzjoni sabiex isir l-irħam mal-bażi tal-Arblu ta' Triq il-Karmnu k/m Triq id-Dejma skond id-disinn approvat u dan bi spiża ta' mhux iktar minn €2,500"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.16.5** Il-Kuns C Bonello kompla billi nforma lill-membri tal-kamra li l-arblu li kien tpoġġa qabel saret il-bażi, saritlu l-ħsara u nbaram u għalhekk jidher li hemm bżonn isir arblu ġdid. Spjega wkoll li l-arblu li kien fi Triq il-Karmnu għandu jiġi modifikat sabiex jeħel fi Triq San Mikiel k/m Triq il-Koppla. Għaldaqstant il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6079/22/8** "Mozzjoni sabiex isir arblu ġdid għal Triq il-Karmnu k/m Triq Dejma għal spiża ta' mhux iktar minn €2,500. Dak eżistenti li kien fi Triq il-Karmnu tiġi rranġata l-ħsara li għandu u jitwaħħal Triq San Mikiel k/m Triq il-Koppla għal spiża ta' mhux iktar minn €500"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.16.6** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li l-wirja li ser tittellgħa minn Chev. Camilleri Camilleri ser ikun reġistrat progress wara Mejju 2022

**46.16.7** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li l-bieraħ saret laqgħa oħra mal-Kummissjoni Festa Esterna fir-rigward tal-Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka 2022, fejn komplew iddiskussjonijiet dwar l-attivita'. Ser ikun qed jippruvaw jimbarkaw fuq kampanja ta' reklami kmieni sabiex jaraw li tkun suċċess iktar mis-sena ta' qabel. Kellu wkoll laqgħa mal-President tal-Banda sabiex jaraw kif jistgħu jiġu nvoluti. Jista' jkun hemm ukoll il-possibilita' li ninvolvu għaqdiet oħrajn biex jgħinu fl-attivita. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6080/22/8** "Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas offerta li tammonta għal €3,000 għal Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka 2022. Dan il-prezz jinkludi: sound fuq iz-zuntier u maħżen tal-armar, armar ta' dawl fuq iz-zuntier, preparazzjoni tal-borma, armar ta' xemgħat. Armar ta' bandalori fuq iz-zuntier, armar via crucis, armar ta' tapit u fjuri fi Triq il-Karmelitani, armar fid-daħla tal-Kunvent kif ukoll armar tal-monument tas-salib u *roundabout* tat-Tip top u r-*roundabout* tal-HSBC"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.16.8** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6081/22/8** "Sabiex tiġi approvata kwotazzjoni biex isiru 8 slaleb biex jintramaw għall-attivita' ta' Ħamis ix-Xirka 2022 għal spiża ta' mhux iżjed minn €2,800 vat inkluża"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.16.9** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6082/22/8** "Sabiex jitqabbdu l-Kummissjoni Festa Esterna sabiex jieħdu ħsieb li jixgħelu x-xemgħat taż-żoni ta' fuq iz-zuntier tal-knisja kif ukoll Triq il-Karmelitani għal spiża ta' mhux iżjed minn €300"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.16.10** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6083/22/8** "Mozzjoni sabiex issir nefqa addizzjonali ta' €1,000 għall-attivita' ta' Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.16.11** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li dwar ir-restawr tax-xelter ta' Triq Hompesch ma sar l-ebda progress.

**46.16.12** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li x-xogħol fuq ir-Restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab f'Wesgħa Reggie Miller għadu għaddej

**46.16.13** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li fuq l-isem ta' Triq Patri Mawrizju Mizzi ġie approvat mill-Kumitat għat-Tismija tat-toroq u għalhekk it-triq magħżula se tkun parti minn Triq ir-Riħan u issa qed nistennew il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex inkunu nistgħu mmexxu. Għandha ssir ċerimonja żgħira iktar il`quddiem sabiex ninawguraw din it-triq bl-isem il-ġdid. Id-data taċ-ċerimonja titħabbar iktar tard. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref : **6084/22/8** "Mozzjoni sabiex jinxtraw 4 tabelli li jindikaw l-isem il-ġdid ta' Triq Patri Mawrizju Mizzi O.Carm għal spiża ta' mhux iktar minn €450. Ukoll isir approvazzjoni ta' €1,000 sabiex issir l-inawgurazzjoni tal-isem il-ġdid ta' din it-triq"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.16.14** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li bħalissa għaddej ix-xogħol biex jiġi ppublikat il-ktejjeb tal-parteċipanti li ħadu sehem fl-inizjattiva tal-Milied 'Inpinġu għall-Milied 2021'.

**46.16.15** Il-Kuns C Bonello qed jissuggerixxi li l-Kunsill jipposponi l-

Karnival għall-aħħar *weekend* ta' Mejju 2022 skond id-dati l-ġodda li tħabbru mill-Gvern. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref : **6085/22/8** "Fid-dawl li l-Gvern Ċentrali ppospona l-Karnival għall-aħħar *weekend* ta' Mejju '22, dan il-Kunsill għandu jmexxi l-attivita' tiegħu ta' barra għall-w*eekend* indikat mill-Gvern"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.16.16** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6086/22/8** "Mozzjoni sabiex isir attivita' għat-tfal fi Frar '22 sabiex jittieħdu r-ritratti tat-tfal li pparteċipaw fl-inizjattiva tal-Karnival bi spiża ta' €1,000. Ukoll il-Kunsill jibda jaħdem fuq il-pubblikazzjoni dal-ktejjeb marbut ma' din l-inizjattiva għal spiża ta' €1,200"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.16.17** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li rigward il-proġetti li għamlu l-istudenti tal-Universita' bit-tema 'Ambjent Aħjar fil-Fgura' ntbagħtet imejl u anke żewġ tfakkiriet u l-Kunsill għadu bla risposta.

**46.16.18** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li dwar l-iskema kulturali 2022 l-Kunsill għadu bla risposta

**46.16.19** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li rigward il-wirja li se tkun qed tittellgħa fil-foyer tal-Kunsill mis-Sur Keziah Ellul, diġa tkellem fuqha s-Sindku u anke ressaq mozzjoni.

**46.16.20** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li se jkun qed jiġi ppublikat ktejjeb bil-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira li jsiru fil-lokalita' tal-Fgura u għaldaqstant ressaq mozzjoni ref: **6087/22/8** "Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jippublika ktejjeb għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira li fost l-oħrajn ikun jinkludi l-attivitajiet kollha u l-wirjiet li se jkunu organizzati fil-Fgura kif ukoll reklami u informazzjoni oħra għal spiża ta' €1,000"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**46.16.21** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-Kamra li ġie

avviċinat mill-Kummissjoni Festa Esterna sabiex isir arblu tal-injam fuq il-binja tal-Kunsill. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6088/22/8** "Mozzjoni sabiex isir arblu tal-injam fuq il-Binja tal-Kunsill Lokali (Uffiċċju Amministrattiv) b'tul ta madwar 50 pied bi spiża ta' mhux iktar minn €1,900. Qabel jinxtara l-arblu u jsiru arranġamenti oħrajn għandu jitqabbad il-Perit sabiex jiċċertifika li l-blokka ta' fuq il-bejt tiflaħ għall-arblu ta' dan it-tul. Ser tiġi nkarigata l-Kummissjoni Festa Esterna sabiex tul iż-żmien issir il-manutenzjoni meħtieġa għall-perjodu ta' 10 snin bi prezz miftiehem qabel jinxtara.

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 46.17 MISTOQSIJIET

**46.17.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 46.18 AĠĠORNAMENT

**41.18.1** Il-laqgħa ntemmet fit-20:19hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu, 2022 fis-18:00hrs.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli | Is-Sinjura Ritianne Bonnici |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Data: 16 ta' Frar, 2022

# Doc 'A'

| PRFPO for CM Feb 2022 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Purchase Request** | **Purchase Order** | **Name** | **Item** | **Price Euro** |
| 9173 | 9392 | Francis Galea | Diesel IBL985 | € 40.00 |
| 9174 | 9393 | Damian Mizzi | 3D Modelling of Fgura LC Emblem | € 2,301.00 |
| 9175 | 9394 | Paul Magri | 2 hollow sections 25x25x3 | € 29.66 |
| 9176 | 9395 | Bitmac | 25 instant street repair bags | € 141.50 |
| 9177 | 9396 | A & A Blasting Services | Blasting galvanising & powder coating on 3 Fgura Map Frames | € 672.60 |
| 9178 | 9397 | Paul Axisa | 100 filsa ghal barra | € 250.00 |
| 9179 | 9398 | KHS | 110 Square rubber plugs 50x50 | € 61.60 |
| 9180 | 9399 | Coleiro General Supplies Ltd | 1 L1P14L Paint 4ltrs, 1x 0.9792/4 Macrofar, 2x00.362/1 Hardener Zebgha ghar-restawr tal-madonna tal-Karmnu | € 378.70 |
| 9181 | 9400 | PC Options Ltd | 16 HP 205A Toners, 6 HP 216A Toners | € 1,366.13 |
| 9182 | 9401 | Francis Service Station | Diesel IBL985 | € 40.00 |
| 9183 | 9402 | Tal-Milord | 2 mtr kubi konkos ghall-bazi tal-arblu fi Triq il-Karmnu | € 374.00 |
| 9184 | 9403 | Animal Kingdom Ltd | Veterinary Services re: LC Cat Care Scheme Mar 21, May 21 to Oct 21 | € 1,832.75 |
| 9185 | 9404 | Emi Bonnici | 6,000 printing of Carnival Fliers | € 168.00 |
| 9186 | 9405 | Ryan Bezzina | Design of Carnival 2022 Poster | € 125.00 |
| 9187 | 9406 | Edward Mifsud | drapp ghal kolonna tal-Monument tas-Salib re: Mixghela F'Hamis ix-Xirka 2022 | € 300.00 |
| 9188 | 9407 | Patricia Cauchi | Line Dancing on 17/11/21, 24/11/21, 1/12/21 & 15/12/21 | € 200.00 |
| 9189 | 9408 | Ganzas extras | 4 bleach, 4 floor wash, 1 handwash, 8 harpic, 1 sgrassatore, toilet paper | |
| 9190 | 9409 | Cancelled | | |
| 9191 | 9410 | cancelled | | |
| 9192 | 9411 | EcoPure Ltd | 5 water bottles for dispenser | € 21.50 |
| 9193 | 9412 | Garmmo | jumper charcoal for staff | € 59.00 |
| 9194 | 9413 | Sunflower floral Designs | flowers for funeral | € 25.00 |
| 9195 | 9414 | The Fotografer | 2 box frame & 2 normal frames for Initiative Inpingu ghall-Milied 2021 | € 302.79 |
| 9196 | 9415 | Joseph mifsud | polishing of resident's car from tarmak | € 100.00 |
| 9197 | 9416 | Edward Mifsud | Hjata ta' 8 paljijiet tal-karnival | € 480.00 |
| 9198 | 9417 | Kummissjoni Festa Esterna | Disinn sabiex jitpoggew il-fjuri fir-roundabout Salib ta' Malta, Gingerbread cookies re Milied Riciklabbli | € 325.00 |
| 9199 | 9418 | Roc-a-go Crane Services Ltd | 3 operators for crane & 2 cherry pickers re dismantle of Xmas tree | € 590.00 |
| 9200 | 9419 | Ackerley Pace | trapping of 3 cats Triq Valperga, Trapping of 5 cats Triq il-Koppla | € 120.00 |
| 9201 | 9420 | Electrocool | rplacement of faulty lights in Garage | € 155.00 |
| 9202 | 9421 | Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu Fg | Band service during Xmas Concert 23.12.21 | € 1,416.00 |
| 9203 | 9422 | Bristow Potteries Ltd | 12 tokens for participants in Xmas Concert 23.12.21 | € 171.81 |
| 9204 | 9423 | Fgura United FC | Cupcakes for Milied Riciklabbli participants 4.12.21 | € 105.00 |
| 9205 | 9424 | Gino | 3 tables for Xmas Concert 23.12.21 | € 21.24 |
| 9206 | 9425 | Vince Hardware Stores Ltd | 3 door carpets | € 56.64 |
| 9207 | 9426 | Parrocca Madonna tal-Karmnu Fgura | Armar u uzu tal-parrocca ghall-kuncert tal-Milied 2021 | € 500.00 |
| 9208 | 9427 | Edward Mifsud | Tpengija ghall-palji tal-Karnival 2022 | € 720.00 |
| 9209 | 9428 | Electrocool | pump replacement as it trips electricity | € 760.00 |
| 9210 | 9429 | Mailbox Services Ltd | door to door distribution of Carnival Initiative flier | € 256.65 |
| 9211 | 9430 | Maris Farrugia | Risk Assessment of Playingfield PPRG | € 206.50 |
| 9212 | 9431 | Vince Hardware Stores Ltd | 3 LED lamp 10watts daylight E27, 3 ceramic holders E27, 2 LED floodlights 50watts, 2 junction boxes, insulation tape, 1 terminal strip 16amps | € 119.02 |
| 9213 | 9432 | Times of Malta | Advert re ES Vacancy | € 137.82 |
| 9214 | 9433 | Union print | Advert re ES Vacancy | € 82.69 |
| 9215 | 9434 | In-Nazzjon | Advert re ES Vacancy | € 205.32 |
| 9216 | 9435 | Roc-a-go Crane Services Ltd | Hire of High Up biex jingarr il-bazi tal-Arblu minn Tar-Robba ghal Triq il-Karmnu 11.2.22 | € 177.00 |

Doc 'A'

| PRFPO for CM Feb 2022 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
| 9173 | 9392 | Francis Galea | Diesel IBL985 | € 40.00 |
| 9174 | 9393 | Damian Mizzi | 3D Modelling of Fgura LC Emblem | € 2,301.00 |
| 9175 | 9394 | Paul Magri | 2 hollow sections 25x25x3 | € 29.66 |
| 9176 | 9395 | Bitmac | 25 instant street repair bags | € 141.50 |
| 9177 | 9396 | A & A Blasting Services | Blasting galvanising & powder coating on 3 Fgura Map Frames | € 672.60 |
| 9178 | 9397 | Paul Axisa | 100 filsa ghal barra | € 250.00 |
| 9179 | 9398 | KHS | 110 Square rubber plugs 50x50 | € 61.60 |
| 9180 | 9399 | Coleiro General Supplies Ltd | 1 L1P14L Paint 4ltrs. 1x 0.9792/4 Macrofar, 2x00.362/1 Hardener Zebgha ghar-restawr tal-madonna tal-Karmnu | € 378.70 |
| 9181 | 9400 | PC Options Ltd | 16 HP 205A Toners, 6 HP 216A Toners | € 1,366.13 |
| 9182 | 9401 | Francis Service Station | Diesel IBL985 | € 40.00 |
| 9183 | 9402 | Tal-Milord | 2 mtr kubi konkos ghall-bazi tal-arblu fi Triq il-Karmnu | € 374.00 |
| 9184 | 9403 | Animal Kingdom Ltd | Veterinary Services re: LC Cat Care Scheme Mar 21, May 21 to Oct 21 | € 1,832.75 |
| 9185 | 9404 | Emi Bonnici | 6,000 printing of Carnival Fliers | € 168.00 |
| 9186 | 9405 | Ryan Bezzina | Design of Carnival 2022 Poster | € 125.00 |
| 9187 | 9406 | Edward Mifsud | drapp ghal kolonna tal-Monument tas-Salib re: Mixghela F'Hamis ix-Xirka 2022 | € 300.00 |
| 9188 | 9407 | Patricia Cauchi | Line Dancing on 17/11/21, 24/11/21, 1/12/21 & 15/12/21 | € 200.00 |
| 9189 | 9408 | Ganzas extras | 4 bleach, 4 floor wash, 1 handwash, 8 harpic, 1 sgrassatore, toilet paper | |
| 9190 | 9409 | Cancelled | | |
| 9191 | 9410 | cancelled | | |
| 9192 | 9411 | EcoPure Ltd | 5 water bottles for dispenser | € 21.50 |
| 9193 | 9412 | Garmmo | jumper charcoal for staff | € 59.00 |
| 9194 | 9413 | Sunflower floral Designs | flowers for funeral | € 25.00 |
| 9195 | 9414 | The Fotografer | 2 box frame & 2 normal frames for Initiative Inpingu ghall-Milied 2021 | € 302.79 |
| 9196 | 9415 | Joseph mifsud | polishing of resident's car from tarmak | € 100.00 |
| 9197 | 9416 | Edward Mifsud | Hjata ta' 8 paljijiet tal-karnival | € 480.00 |
| 9198 | 9417 | Kummissjoni Festa Esterna | Disinn sabiex jitpoggew il-fjuri fir-roundabout Salib ta' Malta, Gingerbread cookies re Milied Riciklabbli | € 325.00 |
| 9199 | 9418 | Roc-a-go Crane Services Ltd | 3 operators for crane & 2 cherry pickers re dismantle of Xmas tree | € 590.00 |
| 9200 | 9419 | Ackerley Pace | trapping of 3 cats Triq Valperga, Trapping of 5 cats Triq il-Koppla | € 120.00 |
| 9201 | 9420 | Electrocool | rplacement of faulty lights in Garage | € 155.00 |
| 9202 | 9421 | Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu F | Band service during Xmas Concert 23.12.21 | € 1,416.00 |
| 9203 | 9422 | Bristow Potteries Ltd | 12 tokens for participants in Xmas Concert 23.12.21 | € 171.81 |
